

6.12.2017

A8-0356/1

## **Emenda 1**

**Bas Eickhout**

f'isem il-Grupp Verts/ALE

## **Rapport**

**Bas Eickhout**

Strateġija Ewropea għal Mobilità b'Livell Baxx ta' Emissjonijiet  
2016/2327(INI)

**A8-0356/2017**

## **Mozzjoni għal riżoluzzjoni**

### **Paragrafu 11**

#### *Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

11. Jistieden lill-Kummissjoni tirrikonoxxi l-importanza dejjem tikber tal-kejl tal-emissjonijiet tul iċ-ċiklu tal-ħajja, mill-emissjonijiet tal-provvista tal-enerġija sal-emissjonijiet tal-produzzjoni u ta' tmiem il-ħajja, billi tressaq proposti olistiċi li jiggwidaw lill-manifatturi lejn soluzzjonijiet ottimali, sabiex ikun żgurat li l-emissjonijiet upstream **u** downstream ma jinnewtralizzawx il-benefiċċji marbuta mat-titjib fl-użu tal-enerġija fl-operat tal-vetturi;

#### *Emenda*

11. Jistieden lill-Kummissjoni tirrikonoxxi l-importanza dejjem tikber tal-kejl tal-emissjonijiet tul iċ-ċiklu tal-ħajja, mill-emissjonijiet tal-provvista tal-enerġija sal-emissjonijiet tal-produzzjoni u ta' tmiem il-ħajja, billi tressaq proposti olistiċi li jiggwidaw lill-manifatturi lejn soluzzjonijiet ottimali, sabiex ikun żgurat li l-emissjonijiet upstream **kif ukoll** downstream ma jinnewtralizzawx il-benefiċċji marbuta mat-titjib fl-użu tal-enerġija fl-operat tal-vetturi;

Or. en

6.12.2017

A8-0356/2

## Emenda 2

**Bas Eickhout**

f'isem il-Grupp Verts/ALE

## Rapport

**Bas Eickhout**

Strateġija Ewropea għal Mobilità b'Livell Baxx ta' Emissjonijiet 2016/2327(INI)

**A8-0356/2017**

## Mozzjoni għal riżoluzzjoni

### Paragrafu 110

#### *Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

110. Iħeġġeġ *lill-Kummissjoni tippreżenta proposta ambizzjuża* għad-Direttiva dwar it-Trasport Ikkombinat li *tippromwovi* aħjar it-trasport tal-merkanzija effiċjenti u *tinkoraġġixxi* bidla modali lejn it-trasport bil-ferroviji u t-trasport fuq passaġġi tal-ilma interni, sabiex jintlaħqu l-objettivi tal-bidla modali għall-2030 u għall-2050 stabbiliti fl-"Għaxar għanijiet għal sistema tat-trasport kompetittiva u li tuża r-riżorsi b'mod effiċjenti" tal-White Paper tal-2011 dwar it-trasport;

#### *Emenda*

110. Iħeġġeġ *proposti ambizzjużi* għad-Direttiva dwar it-Trasport Ikkombinat li *jippromwovu* aħjar it-trasport tal-merkanzija effiċjenti u *jinkoraġġixxu* bidla modali lejn it-trasport bil-ferroviji u t-trasport fuq passaġġi tal-ilma interni, sabiex jintlaħqu l-objettivi tal-bidla modali għall-2030 u għall-2050 stabbiliti fl-"Għaxar għanijiet għal sistema tat-trasport kompetittiva u li tuża r-riżorsi b'mod effiċjenti" tal-White Paper tal-2011 dwar it-trasport;

Or. en

6.12.2017

A8-0356/3

**Emenda 3**

**Bas Eickhout**

f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Rapport**

**Bas Eickhout**

Strateġija Ewropea għal Mobilità b'Livell Baxx ta' Emissjonijiet  
2016/2327(INI)

**A8-0356/2017**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**

**Paragrafu 115**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

115. Jenfasizza l-ħtieġa ta' implimentazzjoni sħiħa, effettiva u uniformi tar-Regolament dwar Netwerk Ferrovjarju Ewropew għat-Trasport ta' Merkanzija Kompetittiv, li se tkun ta' benefiċċju kemm **għall-passiġġieri** kif ukoll għall-industrija;

*Emenda*

115. Jenfasizza l-ħtieġa ta' implimentazzjoni sħiħa, effettiva u uniformi tar-Regolament dwar Netwerk Ferrovjarju Ewropew għat-Trasport ta' Merkanzija Kompetittiv, li se tkun ta' benefiċċju kemm **għat-trasport tal-merkanzija** kif ukoll għall-industrija;

Or. en

6.12.2017

A8-0356/4

**Emenda 4**

**Bas Eickhout**

f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Rapport**

**Bas Eickhout**

Strateġija Ewropea għal Mobilità b'Livell Baxx ta' Emissjonijiet  
2016/2327(INI)

**A8-0356/2017**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**

**Paragrafu 133**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

133. Jenfasizza r-rwol importanti li trasport ikkombinat jista' jkollu fit-tnaqqis tal-emissjonijiet; jieħu nota *tat-tħabbira* tal-Kummissjoni *biex tiġi mmodernizzata d-Direttiva* dwar it-Trasport Ikkombinat (*id-Direttiva tal-Kunsill 92/106/KEE*) li għandha tinċentiva bidla lejn trasport tal-merkanzija bil-ferrovija u mill-passaġġi fuq l-ilmijiet interni;

*Emenda*

133. Jenfasizza r-rwol importanti li trasport ikkombinat jista' jkollu fit-tnaqqis tal-emissjonijiet; jieħu nota *tal-proposti* tal-Kummissjoni *għall-modernizzazzjoni tad-Direttiva* dwar it-Trasport Ikkombinat (*COM(2017)0648*) li għandha tinċentiva bidla lejn trasport tal-merkanzija bil-ferrovija u mill-passaġġi fuq l-ilmijiet interni;

Or. en